# SAN FRANGISK T'ASSISI U L-GHASAFAR

*Ta'* A. Tabone

FWAHDA mit-taħditiet tiegħi minn fuq ir-Rediffusion kont tkellimt fuq **Il-Fjuretti ta' San Franġisk** u għidt li dawn **Il-Fjuretti** huma siltiet meħudin minn ġrajjiet il-ħajja tal-Qaddis kbir ta' Assisi. **Il-Fjuretti** huma **wardiet ċkejknin** midmumin bejniethom bil-ħajta deħbija tas-sempliċità franġiskana, sempliċità li tqanqlek, tiġbdek u israqlek qalbek. U ma jistax ma jkunx hekk għax San Franġisk, imbarra li kien qaddis fl-art, kien **ukoll** poeta. Issa, bħalma jaf kulħadd, qalb il-poeta taf tħobb, tħoss u tagħder iktar mill-qalb ta' dawk li mhumiex poeti. Qalb il-poeta titkexkex quddiem il-kruha u l-ħsara u tfur bil-ferħ quddiem is-sabiħ u l-ġid. Ta' din ix-xorta kienet qalb San Franġisk. San Franġisk ta' Assisi kien iħoss tixgħel u taqbad ġewwa fih l-imħabba sewwa lejn Alla, kemm ukoll lejn art twelidu u lejn il-ħlejjaq kollha sew bir-ruħ kemm ukoll m'humiex. Biżżejjed naqraw "Il Cantico di Frate Sole" jew "Il-Għanja ta' Oħtu x-Xemx" li darba, f'għodwa sajfija, San Franġisk kien għamel minn ħdejn il-kampnar ċkejken ta' San Damjan ta' Assisi, biex nintebħu kemm dan il-Qaddis kien iħobb il-ħlejjaq ta' madwaru. Lix-xemx, li kienet għadha titfaċċa fix-xefaq imdawra bl-imrieżaq li jsaħħru, għax kien iħobbha, beda jsejħilha "oħtu"; lir-riħ, lin-nar, lill-ilma, lill-mewt infisha sejħilhom "ħutu". Imma San Franġisk minn Assisi kien iħobb ukoll lil "oħtu ċ-ċawla" u lil ħutu għasafar. Kemm kien iħobbhom 'l-għasafar San Franġisk! Kien imur apposta taħt is-siġar għoljin biex jitgħaxxaq bil-għana ħelu tagħhom, kien jagħtihom x'jieklu, kien ikellimhom, imellishom u saħansitra jipprietkalhom.

Araw x'igħidu **Il-Fjuretti** fis-sittax-il kapitlu dwar San Franġisk u l-għasafar: "U fil-waqt li (S. Franġisk) kien miexi 'l quddiem b'dik il-ħeġġa, refa' għajnejh 'il fuq u ra xi siġar għoljin ħdejn it-triq, li fuqhom kien hemm qatgħa bla għadd ta' għasafar. San Franġisk baqa' mistagħġeb bihom u qal lil sħabu: 'Intom

stennewni hawn fit-triq u jien immur nipprietka lil huti ghasafar". U dahal fil-ghalqa u beda jipprietka lill-ghasafar li kienu fl-art; u minnufih dawk li kienu fuq is-sigar niżlu hdejh u, flimkien ma' l-ohrajn kollha, qaghdu kwieti fil-waqt li San Frangisk kien jipprietka; u mbaghad ukoll ma elqux qabel beżikhom. U skond ma qal wara Fra Massew lil Fra Gakobb minn Massa, fil-waqt li San Frangisk dahal f'nofshom u jmellsilhom bil-kappa, ebda wiehed ma kien jiccaqlaq.

U **Il-Fjuretti** jkomplu jghidulna **x'qallhom** San Frangisk lill-ghasafar f'dik il-prietka. Il-kliem kien dan: "Huti ghasafar, intom ghandkom dmir kbir lejn Alla Hallieq taghkom, u dejjem u kullimkien ghandkom tfahhruh ghaliex Hu takom is-setgha li tittajru kull fejn tridu; takom ukoll il-hwejjeg sabiex titghattew darbtejn jew tlieta. Iktar ghaliex Hu żamm iż-żerriegha taghkom gewwa l-arka ta' Noe biex in-nisel taghkom ma jinqeridx mid-dinja; ukoll intom ghandkom dmir lejh ghall-wisa' ta' l-ajru li Hu ghamel ghalikom. Imbarra dan intom ma tiżirghux u lanqas tahsdu u Alla jitmaghkom u takom ix-xmajjar u l-eghjun biex tixorbu; takom il-muntanji u l-widien biex tiskennu u s-sigar gholjin biex tbejtu fihom. U, ghalkemm intom ma tafux la tghażżlu u lanqas thitu, Alla jlibbiskom, lilkom u lil uliedkom. Minn dan taraw li l-Hallieq ihobbkom hafna galadarba Hu takom daqshekk hwejjeg tajba. U ghalhekk aharbu, huti, id-dnub tat-tpattija hażina Lejh u qisu li dejjem tfahhru 'l Alla". Xi hlewwa ta' kliem ta' bniedem qaddis ma' hlejjaq ta' bla dehen iżda holqien t'Alla!

U **Il-Fjuretti** jkomplu jghidulna kif dawk l-ghasafar mansi giebu ruhhom fil-waqt li l-Qaddis kien ikellimhom fuq Alla. **Il-Fjuretti** jghidu hekk: "Fil-waqt li San Frangisk kien ikellimhom hekk dawk l-ghasafar, kollha kemm kienu, bdew jifthu mnunqarhom, itawlu ghonqhom, jifthu gwenhajhom u, bil-qima, ibaxxu rashom sa l-art u bic-caqliq u l-ghana taghhom, urew li l-kliem tal-Missier qaddis kien jaghtihom l-ikbar pjacir. U San Frangisk flimkien maghhom beda jifrah u jithenna u baqa' mistaghgeb wisq b'dik il-qatgha ghasafar hekk kbira u mhallta u bisskiet u d-dhulija taghhom. Fl-ahhar, wara li spiccat il-prietka, ikomplu jghidulna **Il-Fjuretti**, San Frangisk raddilhom is-salib u tahom is-sensja li jitilqu; allura dawn l-ghasafar kollha gholew

tlimkien fl-ajru b'ghana li jgħaġġeb u, imbagħad, skond is-salib li kien għamlilhom San Franġisk, tqassmu f'erba' qtajja', waħda minnhom ittajret lejn il-lvant, l-oħra lejn il-punent, it-tielet lejn nofs in-nhar u r-raba' lejn it-tramuntana u kull qatgħa baqgħet sejra tgħanni għana li jgħaġġeb''.

Imma dan mhux biżżejjed; **Il-Fjuretti** jkomplu juruna kemm San Franġisk kienet tiġih ħniena mill-għasafar maqbudin u wisq iżjed imkagħbra. Araw x'jgħidulna **Il-Fjuretti** fuq hekk fil-kapitlu 22: ''Wieħed żagħżugħ, ġurnata waħda, qabad ħafna gamiem u kien sejjer bihom biex ibigħhom. San Franġisk, li dejjem kienet tiġih ħniena mill-bhejjem mansi, kif iltaqa' ma' dak iż-żagħżugħ, fil-waqt li beda jħares bil-ħniena lejn dawk il-gamiem, qallu: 'Ja żagħżugħ twajjeb, nitolbok tatihomli u li ma tħallix li l-għasafar bla ħtija, li lilhom fl-Iskrittura huma mxebbhin l-erwieħ safjin, umli u fidili, jaqgħu f'idejn ħorox u joqtluhom''. Dak iż-żagħżugħ minnufih, donnu mnebbaħ minn Alla, tahom kollha lil San Franġisk, u dan, filwaqt li rassħom ma' sidru, beda jgħidilhom bil-ħlewwa: 'Huti gamiem, hekk sempliċi, bla ħtija u ndaf, għaliex ħallejtu jaqbdukom? Issa jien irrid neħliskom mill-mewt u nagħmlilkom il-bejtiet biex tbejtu fihom u titkattru kif irid il-Ħallieq tagħkom'. U San Franġisk, ikomplu jgħidu **Il-Fjuretti**, baqa' sejjer u għamel il-bejta lil kull waħda; u dawk, filwaqt li daħlu fiha, bdew ibidu u jfaqqsu quddiem il-Patrijiet, u kienu draw daqshekk, ma' San Franġisk u mal-Patrijiet l-oħra, bħallikieku kienu tiġieġ imrobbijin minnhom. U ma twarrbu qatt minn hemm sakemm San Franġisk ma kienx ibierikhom u jagħtihom il-permess li jitilqu''.

Sa hawn **Il-Fjuretti**; imma jien nixtieq inżid li l-Patrijiet Minuri, f'dak il-post sewwa fejn jaħsbu li saret din il-ġrajja ħelwa, għamlu statwa tal-bronż li turi lil dak iż-żagħżugħ jagħti l-gamiem lil San Franġisk li qiegħed jitlobhomlu. Nixtieq inżid ukoll li l-istess Patrijiet, f'wieħed mill-kuruturi tal-kunvent ta' San Damjan ta' Assisi, għamlu statwa oħra tar-rħam ta' San Franġisk b'wiċċ idejh imissu ma' xulxin u merfugħin 'il fuq quddiem sidru, iżommu ġewwa fihom bejta tat-tiben u ġewwa din il-bejta, par ħamiem miż-żgħar li jixbhu ħafna lill-gamiem li jbejtu u jfaqqsu ma' tulek ja sena, bla ma jitwarrbu, bla ma jibżgħu min-nies, bla ma jiċċaqalqu daqshekk li kieku l-Patrijiet ma

jgħidulekx li huma ħajjin, iaħsibhom li huma tar-rħam jew tal-ġebel.

Kemm nxtieq issa, qabel ma nagħlaq, nitlob u nwissi lil dawk kollha li għandhom l-għasafar id-dar u l-iktar lin-nassaba u lit-tfal, biex ma jaħqrux lil dawk il-ħlejjaq żgħar ta' bla ħtija. Iġibu quddiem għajnejhom lil San Franġisk kemm kien iħobbhom lill-għasafar meta kien jarahom maħqurin u kemm kien jifraħ meta kien jarahom jittajru fuq il-friegħi tas-siġar għoljin. Fl-aħħar mill-aħħar jiftakru dawn it-talin li kull min jaħqar lil dawn il-ħlejjaq ċkejknin, lill-għasafar, ikun juri fil-beraħ li għandu qalbu ħażina u kiefra, mhux biss mat-tajr u mal-bhejjem, imma mal-bnedmin ukoll.